**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 116/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Saviour Cachia**

Illum, 24 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuża dedotti kontra l-appellant, Saviour Cachia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 189747M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Kiser ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D nhar id-9 ta' Diċembru 2016 u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Novembru 2018, ċioe li naqas milli jħares xi ordni mogħtija lilu fi zmien stabbilit li jneħħi l-inkonvenjent lamentanti minn Nicholas u Francis Cachia fi zmien xahar mill-ħruġ tas-sentenza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' April 2021 fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat Saviour Cachia ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontrih u ikkundannatu għall-ammenda ta' ħdax-il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull jum ta' nuqqas dekorribbli mit-8 ta' Diċembru 2018 sa dakinhar tas-sentenza, u ċioe', komplessivament, sallum, għaxart elef u seba' u sebgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmi (€10,077.25) liema ammenda komplessiva, a tenur tal-Artikolu 14 (2) tal-Kodiċi Kriminali, għandha titħallas sa zmien sena waħda (1) mid-data ta' l-istess sentenza.

*Inoltre*, l-Ewwel Qorti wissiet lill-imputat illi jekk huwa jibqa' ma jottemperax ruħu mas-sentenzi hawn fuq imsemmija tad-9 ta' Diċembru 2016 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ukoll mas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2018 mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara *dik* is-sentenza, il-Pulizija tista', fuq rikors tagħha, titlob lill-Qorti sabiex tkun hi li tneħħi d-dizordni jew inkonvenjent li għalih jirreferu l-imsemmija sentenzi għas-spejjez tal-ħati, f'liema kaz il-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiza b'mandat maħruġ mill-istess Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant, Saviour Cachia, ppreżentat fis-27 ta' April 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u sussidjarjament fl-eventwalita' li tali ħtija tiġi kkonfermata, li tvarja l-piena mposta għall-piena iktar ekwa u ġusta għall-kaz odjern.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iressaq essenzjalment tlett aggravji diretti sabiex jintenta jimpunja is-sentenza appellata u ċioe' fl-ewwel lok meta jeċċepixxi in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li din, fil-fehma tiegħu, hija nieqsa mid-dettalji marbuta mad-data, ħin u lok meta seħħ l-allegat reat lilu addebitat, fit-tieni lok meta jqanqal il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali istitwita kontra tiegħu, u finalment meta jilmenta illi l-piena mposta fuqu mill-Ewwel Qorti hija waħda ferm oneruża.

**Ikkunsidrat:**

<u>**L-Ewwel Aggravju:**</u> ***Dwar iċ-ċitazzjoni illi tonqos milli ssemmi d-data u l-lok tal-allegat kummissjoni tar-reat***

Illi, fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta illi t-taħrika maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva tonqos milli ssemmi l-lok, il-ħin u/jew id-data ta' fejn u meta ġie allegatament kommess ir-reat lilu addebitat. Jisħaq, allura, illi l-azzjoni kriminali hija monka u għalhekk ma setgħet qatt tinstab ħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti.

Illi, minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni jirriżulta illi l-appellant ġie mixli bil-ksur ta' ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-9 ta' Diċembru 2016, liema sentenza ġiet sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Novembru 2018. Din l-ordni kienet fis-sens illi, wara sejbien ta' htija mill-Qorti għar-reat ta' raggion fattasi, ġie applikat fil-konfront ta'l-appellant il-provvediment ta'l-artikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali b'dan illi huwa gie ordnat ineħħi l-inkonvenjent minnu maħluq u dan fi żmien xahar mid-data tas-sentenza għas-spejjeż tiegħu. Illi allura mid-data meta s-sentenza għaddiet in ġudikat fis-7 ta' Novembru 2018, l-appellant kellu jottempera ruhu mal-ordni fuqu imposta u dan fi zmien xahar minn din id-data. Illi dan ifisser illi d-data indikata fiċ-ċitazzjoni bħala dik meta r-reat beda iseħħ huwa ż-żmien indikat fis-sentenza minn fejn temani l-ordni mertu tal-każ u ċioe' is-7 ta' Novembru 2018 biex b'hekk ir-raġjonament magħmul mill-Ewwel Qorti kien wieħed ġuridikament korrett.

Illi l-Artikolu 360 ta' Kodiċi Kriminali, fis-sub-inċiz tnejn (2) tiegħu ifassal dawk ir-rekwiżiti li għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni:

> **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet[1] ta' zmien u ta' lok li jkunu jinħtiegu jew li jkunu jistgħu jingħataw.**

Illi minn qari ta' din id-diżposizzjoni tal-liġi jemerġi illi l-partikolaritajiet ta' data, hin u lok mhumiex meħtieġa *ad validitatem,* iżda dawn għandhom jingħataw jekk huma meħtiega u jekk 'ikunu jistgħu jingħataw'. Issa f'dan il-każ dawn id-dettalji ma kenux meħtieġa sabiex l-appellant jifhem in-natura ta'l-akkuża lilu addebitata bil-fatti u ċirkostanzi kollha li sawwru r-reat lilu addebitat. Ibda biex l-konnotati tiegħu ġew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita' tiegħu. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li jinsab akkużat bih fl-imsemmija taħrika u ċioe' n-nuqqas li jottempera ruħu fi zmien xahar ma' ordni mogħtija mill-Qorti f'data speċifika, u ċioe fis-7 ta' Novembru 2018. L-ilment tad-difiża allura huwa għal kollox infondat stante illi l-akkuża tirreferi b'mod speċifiku għal sentenza ta' Qorti li kien fiha ordni li magħha kellu jottempera ruħu l-appellant u huwa naqas milli jagħmel dan. Ebda dettall ieħor ma kien meħtieġ stante illi bid-dettalji mogħtija fiċ-ċitazzjoni kellu jkun ċar u evidenti għalih dwar xhiex kien qed jiġi akkużat.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi ċ-ċitazzjoni maħruġa fil-konfront tal-persuna akkużata għandha, prinċipalment, il-funzjoni ta' *avviso a comparire* tal-persuna imputata b'xi reat allegatament minnha kommess. Kif ingħad, id-dettalji li huma imbagħad indikati fiċ-ċitazzjoni għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara tan-natura ta'l-akkuża lilu imputata b'tali mod li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Illi allura n-nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u dana għaliex anke l-Liġi tippermetti li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il-korrezzjoni.

> **.... kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun...[2]**
>
> **L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li**

[1] Enfasi tal-Qorti.
[2] "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" deċiża nhar il-5 ta' Awwissu 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali

> **allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**
>
> ***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale***

Illi, magħdud dan, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċitazzjoni mertu ta' dan il-każ ma hemm ebda nuqqas billi il-fatti kollha li jirrigwardaw ir-reat huma indikati flimkien mal-partikolaritajiet kollha li jsawwru l-istess. Iċ-ċitazzjoni titkellem dwar in-nuqqas ta' l-istess appellant li jikkonforma ruħu ma' ordni tal-Qorti mogħtija f'data partikolari, u ċioe fis-7 ta' Novembru 2018, u dana fi zmien xahar mill-istess data. Isegwi li minn xahar wara din id-data, jekk l-inkonvenjent li l-appellant kien ordnat ineħħi effettivament ma tneħħix, allura l-istess appellant isir ħati li ma osservax l-ordni mposta fuqu mill-Qorti. Dan ifisser illi notifikat biċ-ċitazzjoni, l-appellant seta' jifhem eżattament dwar xhiex kien qed jiġi akkużat sabiex b'hekk seta' jipprepara d-difiża tiegħu kif jirriżulta ampjament mill-atti proċesswali.

Illi dan kien evidenti saħansitra mill-ewwel seduta tal-proċeduri meta l-appellant, debitament assistit mill-avukat difensur tiegħu, wera li kien ben konsapevoli tal-imputazzjoni li kienet qed tiġi imputata lilu. Infatti, dan huwa kjarament evidenzjat minn dak iddikjarat mill-istess difiża propju fl-ewwel seduta (a folio 4 tal-Atti Proċesswali), fejn ġie hekk ivverbalizzat

> *Id-difiza qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tesebixxi kopja tas-sentenza u tal-Appell tas-7 ta' Jannar 2018 mertu ta' dan il-kaz u **jiddikjara illi minn din is-sentenza sal-lum ma kkonformawx mas-sentenza**[3].*

---

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

Dan juri biċ-ċar li tant l-appellant kien jaf biex qed ikun akkużat, li ħassu komdu għall-aħħar li jammetti quddiem l-Ewwel Qorti (u saħansitra vverbalizża l-istess) li huwa ma kienx ikkonforma ruħu mas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif indikat fic-citazzjoni, u ċioe' li ma kienx obda l-ordni mposta fuqu mill-istess Qorti. Infatti, dakinhar ta' l-ewwel seduta l-appellant ma ilmentax mill-allegati nuqqasijiet fiċ-ċitazzjoni marbuta mal-partikolarijiet dwar iż-żmien u l-lok ta' meta u fejn seħħ l-allegat reat u/jew li hu ma kienx jaf, jew li ma setax ikun jaf, totalment jew parzjalment, il-fatti li kienu qegħdin jiġu imputati lilu, jew li b'xi mod id-dritt tiegħu li jiddefendi ruhu kien qiegħed jiġi ppreġudikat. Kien biss fis-sottomissjonijiet orali finali datati l-10 t'Ottubru 2019, u ċioe wara li l-istadju tal-provi kien magħluq għaz-zewġ partijiet, li d-difiza propju ressqet dan l-ilment.

Illi, din il-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl ta' l-insenjament ġurisprudenzjali tal-qrati taghna in materja u *in vista* ta' dak vverbaliżżat mid-difiża fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2019, jirriżulta illi d-dritt tal-appellant li jiddefendi ruħu ma ġie bl-ebda mod ippreġudikat u li huwa fehem eżżttament in-natura tal-akkuża lilu addebitata. Fuq kollox ma jirriżulta ebda nuqqas fiċ-ċitazzjoni kif redatta billi l-partikolaritajiet kollha meħtieġa għall-validita' tagħha ġew indikati u għalhekk l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant qed jiġi miċħud.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>:** ***Dwar il-Preskrizzjoni***

Illi l-appellant imbagħad, fit-tieni aggravju minnu intentat, isostni illli l-azzjoni penali hija perenta minħabba id-dekors tat-terminu tal-preskrizzjoni maħsub għar-reat lilu addebitat.

Illi l-appellant jikkontendi li ġaladarba fiċ-ċitazzjoni hemm indikati zewġ sentenzi, allura hemm dubbju dwar liema data għandha tittieħed in konsiderazzjoni ai fini ta' preskrizzjoni. Illi din il-linja difenzjonali tirrażenta il-fieragħ ġaldarba huwa prinċipju ta' dritt universalment magħruf illi sentenza tal-qorti tkun għaddiet in ġudikat minn dik id-data li s-sentenza issir finali u definittiva. Issa minn qari taċ-ċitazzjoni huwa evidenti illi mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata id-9 ta' Diċembru 2016 ġie imressaq appell, liema appell imbagħad ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell

Kriminali nhar is- 7 ta' Novembru 2018, f'liema data s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti giet ikkonfermata sabiex b'hekk f'dan il-jum il-ġudizzju dwar il-mertu tal-każ għadda in ġudikat. Għalhekk, hija propju din l-aħħar sentenza li rrendiet il-proċeduri kontra l-appellant bħala finali u definittivi, u għaldaqstant hija id-data ta' dik is-sentenza li trid tittieħed in konsiderazzjoni u dan meta jiġi ikkomputat il-perijodu preskrittiv. Huwa propju mid-data tas-7 ta' Novembru 2018 li x-xahar zmien mogħti lill-appellant sabiex ineħħi l-inkonvenjent in kwistjoni beda jiddekorri.

Illi, *di piu*, hekk kif ammess mill-appellant stess nhar l-10 ta' Ottubru 2019, dan l-inkonvenjent li ġie ordnat ineħħi, ma tneħħiex. Dan huwa korroborat ukoll mix-xhieda tal-parti leża mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fl-10 t' Ottubru 2019, fejn kemm Nicholas Cachia kif ukoll Francis Cachia kkonfermaw li l-appellant ma kienx obda l-ordni tal-Qorti u li kollox kien baqa' kif kien, bl-inkonvenjent allura baqa' ma tneħħiex. *In oltre*, hekk kif jirrizulta mill-atti proċesswali, fl-ebda ħin l-appellant ma ressaq ebda prova ulterjuri sabiex juri li l-istat ta' illegalita' tneħħa sabiex b'hekk dan baqa' jipperdura.

Il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali tibda' tiddekorri biss mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat u dan fit-termini ta' dak stabbilit fl-Artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali - "*… u ghalhekk il-preskrizzjoni tal-azzjoni penali kontra l-ħati ta' dan in-nuqqas ma tibdiex tiddekorri sakemm ir-reat ikun għadu fi stat ta' konsumazzjoni, u sakemm il-ħati ta' dan in-nuqqas ikun għadu fil-pozizzjoni li jwaqqaf l-istat antiġuridiku kreat bl-ommissjoni tiegħu*"[4]. Illi ma hemmx dubbju illi fil-każ odjern u f'każijiet li jirrigwardaw dan ir-reat speċifiku, l-istat anti-guridiku, hekk kif imfisser mill-kompjant Imħallef Harding, jibqa' jippersisti kemm il-darba l-inkonvenjent jibqa' ma jitneħħix hekk kif ordnat li jsir, tant illi l-Ligi tipprevedi penali ġjornaljera għal kull jum li fih il-ksur ikompli jippersisti.

Lanqas ma għandha raġun id-difiża meta tisħaq illi l-appellant ma kienx mixli bil-kontinwita' tar-reat u dan ghaliex in-natura tal-azzjoni kriminali lilu imputata tikkonsisti fi ksur ta' Ordni ta' Qorti fejn allura l-element materjal tiegħu huwa id-diżubbidjenza lejn l-awtorita' tal-Qorti u mhux in-nuqqas ta' tneħħija ta' inkonvenjent

[4] Il-Pulizija vs Angelo Spiteri, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 13.05.1961.

billi għal dan in-nuqqas l-appellant diġa' ġie kkundannat meta ġie mixli u misjub ħati tar-reat maħsub fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Kwindi lanqas dan l-aggravju imqanqal mill-appellant ma jistħoqqlu akkolijment ġaldarba l-istat ta' illegalita' għadu jippredura sal-lum, liema fatt żamm il-perijodu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni penali milli jibda jiddekorri.

**Ikkunsidrat:**

**<u>It-Tielet Aggravju</u>:** ***Dwar il-Piena***

Illi, jifdal sabiex jiġi trattat l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, liema piena kienet dik tal-ammenda ta' ħdax-il Ewro u ħamsa u sittin ċentezmu (€11.65) għal kull jum ta' nuqqas dekorribbli mit-8 ta' Diċembru 2018 sad-data tas-sentenza appellata fl-ammont ta' għaxart elef u seba' u sebgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmi (€10,077.25) liema ammenda komplessiva, a tenur tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, għandha titħallas sa zmien sena waħda (1) mid-data ta' l-istess sentenza.

Illi, ir-reat maħsub fl-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali għandu jirriżulta fiċ-ċirkostanzi segwenti –

> *Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel,* ***<u>meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien</u>***[5]*.*

Illi huwa indubitat illi l-piena kellha tibda tiddekorri fil-konfront tal-appellant hekk kif skada t-terminu ta' xahar konċess mill-Qorti li fih l-appellant kellu jottempera ruħu ma' dak lilu ordnat fl-imsemmija sentenza u ineħħi l-inkonvenjent minnu ikkaġonat. Id-diċitura tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali hija ċara u tistipola li l-penali

[5] Enfasi ta' din il-Qorti.

għandha tiġi mposta għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien. F'dan il-każ l-imsemmi żmien għadda xahar wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u ċioe' xahar wara is-7 ta' Novembru 2018. Għaldaqstant il-piena mposta kellha tirrifletti l-perijodu ta' bejn it-8 ta' Diċembru 2018 u d-data tas-sentenza appellata. Jirriżulta illi l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza finali nhar l-20 ta' April 2021, u ċioe' kwazi sena u nofs wara li nbdew il-proċeduri odjerni, u dan għalkemm is-smigħ tal-kawża sar kollu kemm hu f'seduta waħda ta' nhar il-10 ta' Ottubru 2019. Eżaminati l-atti proċesswali jidher pero' li dan id-dewmien ma kienx imputabbli unikament lill-appellant u dana stante li kien hemm diversi raġunijiet għal dan it-trapass ta' zmien. Fosthom kien hemm differiment li ingħata billi l-Qorti ma tatx is-sentenza għalkemm ebda motiv ma jiġi indikat, kien hemm tlett differimenti li ingħataw minħabba il-miżuri adottati għat-trażżin tal-firxa tal-pandemija tal-*Covid*, kien hemm differiment li ngħata minħabba l-fatt li ma ġietx provduta awla mill-amministrazzjoni tal-Qorti sabiex tinżamm is-seduta u kien hemm differiment ieħor mogħti meta ma deherx il-legali tal-appellant meta ssejħet il-kawża, u dan għaliex din issejħet mhux fil-ħin skedat ghaliha.

Illi ma hemmx dubbju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda li taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi. Ukoll, din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora' il-mod leġġer ta' kif l-appellant baqa' inadempjenti għall-ordni mposta fuqu minn Qorti snin qabel, hekk kif irrimarkat ukoll l-Ewwel Qorti. Madanakollu huwa ukoll indubitat illi t-trapass taż-żmien sa meta ġiet mogħtija s-sentenza mill-Ewwel Qorti ma kienx imputabbli lill-appellant, u allura għalkemm huwa minnu li l-appellant baqa' jisfida l-ordni tal-Qorti, madanakollu ma għandux ibati għal xi nuqqas mhux attribwibbli lilu. Illi l-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi il-*quantum* tal-piena erogabbli għandha tiġi aġġustata u tingħata qrib il-minimu tagħha fl-ammont ta' ħames (5) ewro għal kull jum li baqa' jippersisti n-nuqqas ta' adempjenza.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant ħati tar-reat lilu addebitat u tikkonferma t-twissija lilu mogħtija fit-termini ta'l-artikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali, izda tvarja l-piena inflitta u**

**tikkundanna lill-appellant għal piena tal-ammenda ta' ħames ewro (€5) għal kull jum ta' nuqqas dekoribbli mit-8 ta' Diċembru 2018 sal-20 ta' April 2021 (864 jum) ammontanti b'kollox għal erbat elef tlett mija u ghoxrin ewro (€4320), liema ammenda għandha titħallas fi żmien sena mil-lum.**

Edwina Grima

Imħallef